**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Gunju, 2020**

Rikors Numru: 537/19 AL

**A B**

vs

**C B**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-seba' u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (2001), ċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dok A" u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla waħda, D B li llum hija maġġiorenni.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Rachel Mallia fit-tletin (30) t' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li huwa hawn anness u mmarkat bħala "Dok B".
3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom ħames snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi r-rikorrent qiegħed iħallas tlett mitt ewro (€300) fix-xahar lill-maggiorenni D B liema somma tipprezenta mitejn ewro (€200) fix-xahar manteniment u mitt ewro (€100) bhala sehem l-esponenti ghall-ispejjz tal-attivitajiet extra-kurrikulari u dan kif qieghed indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni u dan in linea mal-kuntratt tas-separazzjoni.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata a fol 21 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-intimata ma topponix t-talba sabiex dina l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma' dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti salv għal dak hawn taħt iddikjarat rigward it-tifla D B

2. Illi r-rikorrenti dejjem onora l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt datat 30 t' Ottubru 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia.

3. Illi kontrarjament għal dak li ntqal fir-rikors, għalkemm it-tifla tal-partijiet illum għandha dsatax (19)-il sena, għadha tistudja fuq bażi full-time u għalhekk il-manteniment għadu dovut skont l-artikolu 4(iv)(a) tal-Kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi. Madanakollu, ir-rikorrenti dejjem ħallas il-manteniment tat-tifla D skont il-kuntratt ta' separazzjoni.
   Għaldaqstant l-intimata titlob illi t-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

   Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

   Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Dicembru, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014)

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.